MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 976/2006

**Talba Nru: 976/06PBC**

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Joseph Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm153.65c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 8105 in rigward ghal servizzi lilu

rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Frar 2006 u Mejju 2006.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm153.65c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------